MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2005

Avviz Numru. 181/2005

**Captain Morgan Leisure Limited**

**vs**

**David Gatt**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elf, sitt mija u erbgha u sebghin Lira Maltin u wiehed u tmenin centezmi (LM1,674.81,0), liema ammont huwa dovut lis-socjeta' attrici ghall-biljetti ta' eskursjonijiet provduti lilu fuq talba tieghu stess;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-interpellazzjoni, bonarja u ufficcjal u bl-interessi sa mid-data ta' meta l-ammonti saru dovuti, kontra l-konvenut li sa minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fil-31 ta' Mejju tas-sena 2005 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------